MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 31/2010

**Jesmond Pulis f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' XTC Service Facilities Ltd.**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Jesmond Pulis f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' XTC Service Facilities Ltd. fis-7 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka, jannulla u jhassar id-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta moghtija fl-avviz datat 18 ta' Awwissu 2010 u b'hekk jilliberah minn kull responsabilità u konsegwentement jirrevoka, jannulla u jhassar kwalunkwe penalità imposta fuqu, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell tar-Rikorrent proprio et nomine u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li t-talbiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u minflok tigi kkonfermata d-decizjoni taghha li hija legali u gusta. In linea preliminari teccepixxi wkoll li ghandha issir korrezzjoni f'isimha stante li hija ghandha proprjament tigi indikata bhala Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra li b'Digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2011[1] giet ordnata korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata fis-sens illi din tigi indikata bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" u gie wkoll ordnat l-inversjoni ta' l-okkju ghal "Jesmond Pulis f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' XTC Service Facilities Ltd. v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta";

[1] Fol. 13 tal-process.

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Jesmond Pulis moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011[2], ix-xhieda ta' Matthew Pulis moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011[3], ix-xhieda ta' Joseph Mifsud in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata moghtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Dicembru 2011[4] u tas-7 ta' Frar 2012[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JM1" sa' Dok. "JM4" a fol. 23 sa' 26 tal-process u Dok. "JM5" a fol. 31 tal-process, ra d-dokument esebit mir-Rikorrent proprio et nomine permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Frar 2012 a fol. 32 sa' 34 tal-process, sema' x-xhieda ta' George Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2012[6] u ta' l-24 ta' Settembru 2012[7] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "GF1" a fol. 39 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'avviz datat 18 ta' Awwissu 2010[8] ir-Rikorrent Jesmond Pulis gie infurmat li b'referenza ghall-*VRT test on vehicle bearing registration Number DAU-741 … on the 16th August 2010 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the above-mentioned vehicle. The VRT test was conducted on the 11th August 2010 at your station issued a pass certificate No. C2490525 on the said vehicle. The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection – A missing seal in the fuel flow adjuster screw. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 28 you are therefore being penalised the total points of 50 points (fifty) that are equivalent to €550.*

Ir-Rikorrent f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà XTC Service Facilities Ltd. jikkontesta din id-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata u jitlob li l-istess tigi revokata, imhassra w annullata, peress illi: (i) *l-esponenti ma jista' qatt jitqies responsabbli ta' irregolaritajiet misjuba fuq vettura jiem wara illi din tkun giet assoggettata ghat-test tal-VRT. L-esponenti ccertifika il-vettura DAU-741 bhala idoneja ghall-uzu fit-triq biss 'l ghaliex tali vettura kienet hekk idoneja. X'seta' gara jew x'seta' ghamel sid il-vettura fuq l-istess fit-trapass tal-hamest ijiem bejn it-test u l-inspection, l-esponenti ma ghandux kontroll fuqu;* u (ii) *l-irregolarità attribwita lir-rikorrenti giet specifikatament hekk attribwita ai termini tal-partita 28 tat-Tnax-il Skeda*

[2] Fol. 14 u 15 tal-process.
[3] Fol. 17 u 18 tal-process.
[4] Fol. 27 sa' 29 tal-process.
[5] Fol. 35 u 36 tal-process.
[6] Fol. 40 u 41 tal-process.
[7] Fol. 46 sa' 49 tal-process.
[8] Dok. "JM4" a fol. 26 tal-process.

*tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 fejn u meta tali partita assolutament ma tirreferix ghad-deskrizzjoni ta' l-irregolarità allegatament kommessa mill-esponenti u specifikata fl-avviz surriferit. Semmai l-irregolarità attribwita lill-esponenti kellha tigi hekk attribwita ai termini tal-partita 23 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Ghaldaqstant l-irregolarità attribwita lill-esponenti fl-avviz surriferit hija inkompatibbli mal-partita indikata fl-istess avviz a bazi ta' liema huwa gie misjub responsabbli w ukoll penalizzat. Stante illi l-irregolarità indikata fil-partita 28 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma tirrizultax mill-post VRT inspection, l-esponenti ma jistghax jinstab responsabbli a bazi ta' l-istess partita 28 u konsegwentement ma tista' tigi imposta fuqu ebda penalità*[9].

L-Awtorità Intimata tikkontendi li l-appell tar-Rikorrent proprio et nomine ghandu jigi michud in kwantu huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt stante li d-decizjoni taghha hija legali u gusta u timmerita konferma. In kwantu rigwarda l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent proprio et nomine jibbaza l-appell tieghu l-Awtorità Intimata tikkontendi li hija ghamlet l-indagini taghha sew u b'responsabilità w a bazi ta' dak li rrizultalha harget l-avviz in kwistjoni w imponiet is-sanzjonijiet relattivi ai termini tal-Ligi. In kwantu rigwarda t-tieni aggravju mressaq mir-Rikorrent proprio et nomine l-Awtorità Intimata tikkontendi li dan huwa bla bazi w addirittura frivolu stante li *l-avviz mertu ta' dan l-appell kien jindika car lir-rikorrenti dwar liema irregolarità kienet qed tirreferi ghaliha l-Awtorità. L-avviz specifika bil-preciz li l-irregolarità kienet tirrigwarda "A missing seal in the fuel adjuster screw". Huwa minnu li bi zvista saret referenza ghall-partita 28 tat-Tnax-il Skeda meta kellha tkun partita 23, izda din l-izvista ma kkreat ebda dubbju f'mohh l-appellanti/rikorrenti dwar liema partita (irregolarità) kien qed jigi akkuzat u in oltre l-istess appellant/rikorrenti ma sofra xi pregudizzju. Tant hu minnu li l-ewwel aggravju principali tieghu huwa proprju ibbazat fuq il-kwistjoni ta' "missing seal"*[10].

In linea preliminari l-Awtorità Intimata eccepiet ukoll li ghandha issir korrezzjoni f'isimha stante li l-indikazzjoni korretta taghha hija "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" izda din l-eccezzjoni llum tinsab sorvolata bid-Digriet li inghata fit-3 ta' Mejju 2011 fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni mehtiega u ghalhekk ma hemmx il-htiega li tigi kkunsidrata ulterjorment.

It-Tribunal ser jittratta l-ewwel in-nuqqas riskontrat mill-Awtorità Intimata waqt il-*post VRT inpsection* fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DAU-741, ossia l-*missing seal in the fuel flow adjuster screw*, liema nuqqas qed jigi minnha meqjus bhala irregolarità soggetta ghall-penalizzazzjoni ai termini ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008, liema irregolarità qed tigi kontestata mir-Rikorrent proprio et nomine.

[9] Rikors promotur.
[10] Risposta ta' l-Awtorità Intimata.

Huwa inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li l-*VRT test* fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DAU-741 gie esegwit fil-11 ta' Awwissu 2010 u li l-*post VRT inspection* fuq l-istess vettura giet esegwita fis-16 ta' Awwissu 2010, ossia hamest ijiem wara l-*VRT test*. Ghalkemm fl-apparenza jista' jidher li hemm certa logika fl-argument tar-Rikorrent proprio et nomine li ma jistax jinstab hati ta' irregolarità riskontrata fuq vettura jiem wara l-*VRT test*, in verità dan it-trapass ta' jiem ma jezonerahx mill-oneru li jipprova li ma huwiex responsabbli ghall-irregolarità riskontrata mill-Ufficjali ta' l-Awtorità Intimata u f'dan il-kaz, li addirittura dakinhar tal-*VRT test* il-vettura in kwistjoni kellha sigill kif rikjest mill-Ligi.

Il-provi li ressaq ir-Rikorrent proprio et nomine jikkonsistu fix-xhieda tieghu stess, fix-xhieda ta' l-*assisstant tester* Matthew Pulis u fix-xhieda ta' Ufficjal ta' l-Awtorità Intimata li esegwixxa l-*post VRT inspection* fuq il-vettura in kwistjoni, Joseph Mifsud.

Ir-Rikorrent iddikjara li *fir-rigward tas-seal nieqes li semmiet l-Awtorità fid-decizjoni taghha li timponili n-nuqqas ta' punti u penali rispettiva nghid li dana huwa bicca fildiferru b'comba maghha li jkun mal-pompa tad-diesel u l-iskop tieghu huwa biex ma jkunx hemm hafna flow tad-diesel. Ahna bhala station naghmluhom dawn is-seals però ikun hemm anki nies ohra li jaghmluhom. Hemm min adirittura juza seals tal-plastik jew inkella tkun comba mghaffga li dawn facilment jitnehhew. Peress li l-iskop ta' din is-seal huwa proprju biex jirregola l-flow tad-diesel waqt is-sewqan, ikun hemm min inehhi din is-seal biex il-karozza timxi izjed biex ikun hemm aktar flow tad-diesel. Nikkonferma l-fatt ukoll li jekk titnehha din is-seal u naturalment il-karozza tghaggel izjed iddahhan aktar ukoll. Mid-data tat-test lil hawn, is-sid ta' din il-vettura qatt ma rajtu aktar u ma avvicinani bl-ebda mod.* In kontro-ezami huwa ddikjara li *jiena nerga' nikkonferma li t-test fuq il-vettura kont ghamiltu jiena stess.* ***Jiena dakinhar kont iccekjajt u vverifikajt li fil-fatt is-sigill kien f'postu***[11]*. In effetti minn dak iz-zmien lil hawn issa sirt mhux talli niccekja s-sigill illi addirittura nehodlu ritratt.* ***Is-sigill li kien fiha din il-vettura ma kienx is-sigill li naghmlu ahna s-soltu li jkun fih is-serial number fuqu izda kien sigill minn dawn l-ohrajn li semmejt li jistghu jsiru***[12]*. Dakinhar tat-test jiena kelli fil-pussess tieghi is-sigilli ipprovduti mill-Awtorità madanakollu rrid nghid li jiena minix awtorizzat li naqbad is-sigill li jkun hemm u nbiddlu.*

Matthew Pulis ta xhieda generika dwar l-iskop u l-funzjoni tas-sigill li jkun hemm mal-pompi tad-diesel fil-vetturi izda dwar il-kaz specifiku ma ta l-ebda informazzjoni peress illi fi kliemu stess ***dak li gara fir-rigward tal-vettura DAU-741 meta giet ghall-VRT test ghandna ma niftakarx peress li nittestjaw numru ta' vetturi***[13].

---

[11] Enfasi tat-Tribunal.
[12] Enfasi tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.

In fine Joseph Mifsud, in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata, prodott bhala xhud mir-Rikorrent proprio et nomine, esebixxa numru ta' ritratti li juru bic-car li dakinhar tal-*post VRT inspection* il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DAU-741 ma kellhiex is-sigill mehtieg bil-Ligi w esebixxa wkoll ir-rapport dwar l-*inspection* li jghid: *the above-mentioned vehicle* (ossia l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DAU-741) *was called for a post VRT inspection by the Technical Unit of Transport Malta on the 12th August 2010. A licence restriction was imposed on Vehicle which has undergone a VRT test at XTC Station in Zabbar on the 11 August 2010 and passed the test (certificate number C 2490525). Vehicle was inspected by Joe Mifsud and George Farrugia on the 16 August 2010 at the Technical Unit. During the inspection it transpired that the diesel pump fuel adjusting screw was not sealed and therefore this breaches the VRT regulations penalty point system S.L. 65.15 Schedule 12, item 23 to a penalty of 50 points.* ***Owner of vehicle was sent back to XTC VRT station to inform the operator Mr. Jesmond Pulis bearing licence number LTD41/98/61 about the missing seal and requesting to have a seal fitted on the pump. Mr. Pulis refused to fit a seal as he said that there was a seal during the test and probably had fallen off***[14]*. Owner had to go to (Marjan) diesel specialist for a seal to be fitted.*

Fil-fehma tat-Tribunal l-assiem tal-provi prodotti mir-Rikorrent proprio et nomine ma jistabilixxix b'mod sodisfacenti li dakinhar tal-*VRT test* il-vettura in kwistjoni kellha dan is-sigill mehtieg mill-Ligi, kif allegat mir-Rikorrent, u fit-trapass ta' jiem bejn il-*VRT test* u l-*post VRT inspection* dan isigill tnehha minn sid il-vettura jew waqa' minn postu, kif qed jassumi li gara r-Rikorrent. Ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova ta' x'kienet is-sitwazzjoni reali dakinhar tal-*VRT test* u ta' x'effettivament gara bejn il-*VRT test* u l-*post VRT inspection* jinkombi fuq ir-Rikorrent proprio et nomine, oneru però li fil-kaz in ezami ma giex sodisfatt. L-iktar prova importanti u probabilment sodisfacenti li kellu jressaq ir-Rikorrent proprio et nomine huwa sid il-vettura stess, haga però li ghal raguni li jaf hu biss ma ghamilhiex. B'hekk gie li r-Rikorrent proprio et nomine qed jibbaza l-kontestazzjoni tieghu kontra d-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata dwar dan il-kaz fuq mera assunzjonijiet u allegazzjonijiet mhux ippruvati, parametri dawn li a bazi taghhom dan it-Tribunal certament ma jistax jilqa' appell minn decizjoni ta' l-imsemmija Awtorità.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent proprio et nomine jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata notifikata b'avviz datat 18 ta' Awwissu 2010, ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ir-Rikorrent proprio et nomine jikkontendi wkoll – u dana tramite t-tieni aggravju fuq liema jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata – li ma jistax jinstab responsabbli ta' l-irregolarità riskontrata mill-Awtorità u

[14] Enfasi tat-Tribunal.

konsegwentement jitnaqqsulu l-punti ta' penali u tigi imposta fuqu l-multa amministrattiva relattiva ghaliex il-partita mit-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (kif introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008) citata mill-Awtorità fid-decizjoni taghha, ossia l-partita 28, ma tirriflettix l-irregolarità attribwita lilu, li se mai tirrizulta mill-partita 23 ta' l-imsemmija Skeda.

Ghalkemm huwa veru li fid-decizjoni appellata l-Awtorità Intimata wara li issenjalat l-irregolarità riskontrata waqt il-*post VRT inspection* fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DAU-741 – ossia *a missing seal in the fuel flow adjuster screw* – liema irregolarità ghal dak li jirrigwarda l-operatur ta' stazzjon ta' VRT tinsab taht il-partita 23 tat-Tnax-il Skeda, ghaddiet biex timponi l-punti ta' penali u l-multa amministrattiva relattiva *according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12* ***item 28***, meta d-decizjoni in kwistjoni tigi kkunsidrata fl-intier taghha t-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fih.

Minkejja l-izball fl-indikazzjoni tal-partita mit-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008, id-decizjoni fiha infisha ssegwi u l-*iter* logiku taghha jirrizulta b'mod car. L-Awtorità irriskontrat irregolarità konsistenti f'*missing seal in the fuel flow adjuster screw* u ghaddiet biex timponi l-ammont korrett ta' punti ta' penali f'tali cirkostanza – ossia hamsin punti ta' penali – u l-multa amministrattiva relattiva ta' €550. Minkejja tali zball fl-indikazzjoni tal-partita mit-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008 ghalhekk, id-decizjoni ta' l-Awtorità intimtata hija in konformità mal-Ligi u sufficjentement cara biex ir-Rikorrent proprio et nomine tqieghed f'posizzjoni li debitament jappella minnha, kif fil-fatt ghamel.

Ghaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal it-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent proprio et nomine jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata ukoll ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent proprio et nomine mid-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata notifikata lilu b'avviz datat 18 ta' Awwissu 2010 u minflok jikkonferma dik l-istess decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent proprio et nomine.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------